# Ġesù Inkurunat bix-Xewk, Tal-Porpra

*It-tielet statwa ġdida fl-eqdem Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira f'Għawdex*



Wara li s-sena l-oħra żżanżnet l-istatwa ta' Ġesù Marbut mal-Kolonna, fil-Purċissjoni tal-Passjoni li ħarġet din is-sena mill-Bażilika ġiet imżanżna statwa oħra ġdida kkummissjonata mill-Kumitat tal-Ġimgħa l-Kbira. L-istatwa l-ġdida, li qed tieħu post oħra antika maħduma fl-1976, hi mill-ġdid xogħol imnaqqax fl-injam ta' l-*utile* minn Michael u ibnu Adonai Camilleri Cauchi.

L-istatwa turi lil Sidna Ġesù Kristu fil-mument ta' wara l-flaġellazzjoni ħarxa, inkurunat bix-xewk, imlibbes mantar aħmar u b'qasba f'idu marbuta, mgħoddi għażżufjett mis-suldati Rumani li komplew iżidulu t-tbatija. Dan hu tradizzjonalment magħruf bħala l-*Ecce Homo*, jew sempliċiment Tal-Porpra. Ġesù hawn jidher wieqaf, imneżża' minn ħwejġu u mlibbes kuruna tax-xewk, bil-qasba f'idu; riġlu tal-lemin hu merfugħ mill-art hekk li jidher qed isemraħ biss fuq tax-xellug, waqt li l-ħarsa tiegħu tfisser it-tbatija tremenda li qed iġarrab. Maġenbu fl-art, fuq zokklatura ċkejkna mnaqqxa fl-istil Ruman, hemm baċir u buqar tal-fidda, simboli tal-ħasil ta' l-idejn ta' Pilatu li ried jeħles lil Ġesù imma ma kellux għażla oħra ħlief li jikkundannah għall-mewt. Il-figura ta' Kristu hi ta' bniedem li qed ibati, imma fl-istess ħin fiha tintlemaħ ir-regalità tiegħu, anki fl-eqqel tal-Passjoni. Il-finezza tad-dettalji joħorġu dan il-messaġġ bl-aqwa mod possibbli: fost l-oħrajn wieħed jinnota s-sengħa kbira ta' l-artisti fil-mod kif hi minsuġa l-kuruna tax-xewk, li ma ġietx miżjuda wara ma' l-istatwa, imma tnaqqxet mill-istess injam tagħha.

Din l-opra ta' l-arti kienet l-unika vara ġdida tal-Passjoni li żżanżnet din is-sena f'parroċċa fil-gżejjer Maltin. Bejn il-Ħamis 29 u l-Ġimgħa 30 ta' Marzu 2012, il-pubbliku seta' jammira l-ġmiel tagħha hekk kif kienet esposta fil-Kappella ta' Ġesù u Marija. Wara dawn il-jumejn, l-istatwa ttieħdet mill-ġdid fl-istudju ta' l-artisti biex titkompla ż-żebgħa. Imbagħad ġiet inawgurata fil-Purċissjoni devota u penitenzjali tal-Passjoni, li din is-sena ħarġet mill-Bażilika ta' San Ġorġ nhar il-Ġimgħa l-Kbira, fil-5.30pm.